# Il-Mewt is-Sesmoloġija

*għal Doreen*

Leanne Ellul

il-mewt, ruħi qalbi, tintraċċani qiegħda
fl-irqajja' tat-tempju li ħattejt fija
fl-inkwina ta' sidri tgħodd taħbit ardit
tiha n-nifs il-mewt u ħalliha ħa tħabbat
ħa ċċarratni dis-sesmoloġija
sal-ifned farka tas-sema, l-art u l-kullimkien ta' fija
t'riegħed dis-sesmoloġija trid tqaċċatni minn dad-djuq
ħa nduq il-melħ tal-art u nitgħammex b'dawl id-dinja
inħoss fija l-mewġa l-inxufija
il-komprensjoni l-ikkalibrar is-sikta
t-treddin l-inkejja ż-żelqa l-fetħa
il-kalkoliżmi r-rivelazzjoni
l-qasma d-dehxa s-sħana
il-ħasda s-salt il-malajr il-f'daqqa
trasgressiv dan iċ-ċaqliq, irreverenti
trasparenti daqs l-imħabba li tikkonsma
f'radda salib lewn il-bewsa assaltata
tisplodi tkun qisek tħossu l-ġewwa
sa ma jitqaċċat l-aħħar zokk u fl-aħħar
għerq inrodd lili li ġġibni
muta dis-sesmoloġija
qisni ta' għalija …